TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/128/16/S

Grace Schembri
Vs
Karen Shaw ezercenti l-kummerc bhala Beauty Point Wellness Centre

Illum 18 ta'Mejju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Grace Schembri pprezentata fil-21 ta'Gunju,2016 u r-risposta ta' Karen Shaw ezercenti l-kummerc bhala Beuuty Point Wellness Centre ipprezentata fis-7 ta'Lulju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fl-24 ta'Novembru,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'semi-permanent eyeliner' li ma giex kif xtaqietu r-rikorrenti filwaqt li l-intimata ssostni li kienet avzatha li dan seta' ma jihux;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni f'ilment simili ghal dak tar-rikorrenti;

Illi biex l-azzjoni tar-rikorrenti tirnexxi, hija riedet tipprova li l-intimata ma tatiex parir tajjeb jew li s-servizz moghti mill-intimata ma kienx wiehed professjonali jew tal-livell li wiehed jistenna minn professjonista;

Illi skont l-intimata, hija qaltilha li r-rizultat ivarja minn persuna ghal ohra;

Illi kienet decizjoni unilaterali tar-rikorrenti li taghmel 'semi-permanent eyeliner';

Illi ma ingabet ebda prova mir-rikorrenti li s-servizz moghti mill-intimata ma kienx ta'livell tajjeb izda issir enfasi li fil-kamp tas-sbuhija, gisem-il bniedem jirreagixxi differenti minn persuna ghall-ohra, partikolarment meta qed nitkellmu fuq parti delikata hdejn l-ghajnejn;

Illi jekk wiehed jaghmel ukoll parallelizmu mal-livell li l-gurisprudenza nostrana tesigi minn professjonisti medici, din il-'hsara' zgur mhijiex grossolana u tali 'hsara' ma tistax tigi lilha addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias.*[1]

Illi jinghad li hi responsabilita ta'kull pazjent li jara l-possibilita ta'success u r-riskji involuti filwaqt li hi responsabilita tal-professjonist li jispjega b'mod car l-implikazzjonijiet ta' kull procedura kif ukoll ic-cansijiet ta'success jew le;

Illi l-intimata ma ppruvatx li sofriet 'hsara' bi htija diretta tal-intimata;

Illi fil-kaz odjern, l-intimata baqghet turi d-disponibilita taghha u offriet lir-rikorrenti li taghmlilha 'top'up' b'xejn izda din tal-ahhar irrifjutat dan;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Grace Schembri filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Karen Shaw ezercenti l-kummerc bhala Beauty Point Wellness Centre, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

---

[1] "<u>John Cachia et vs Dr.Tancred Busuttil et</u>" deciza fis-27 ta'Novembru,2012 (PA, LFS); "<u>Savona pro et noe vs Dr.Asphar et</u>".